MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 195/2007

Il-Pulizija
(Sgt. Maggur Dr. J. Grima LL.D)
vs.

Noel Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li izda jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bejn il-15 ta' Dicembru, 2006 u l-14 ta' Jannar, 2007, f'dawn il-Gzejjer, naqas milli jaghti l-manteniment lil martu Mariella Borg u bintu minuri Naomi, skond digriet numru 1550/2003 mahrug mill-Onor. Imhallef Dr. J. Azzopardi LL.D., u numru 35/2004 RCP mahrug mill-Onor. Imhallef Dr. G. Valenzia LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta'Mejju, 2007 li biha, wara li

rat l-Artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u kkundannatu ghal terminu ta' detenzjoni ghal zmien gimgha (1).
Il-Qorti ordnat ukoll lill-istess appellant ihallas is-somma ta' mija w hmistax il-lira Maltin (LM115), fi zmien gimgha (1), ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Mejju, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu din ikkundannatu ghal piena ta' detenzjoni u minflok tapplika piena konfacenti mal-ligi u mal-ordni lilu moghtija skond l-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-lum fejn Dr. Libreri ghall-appellant u Dottor Anthony Cutajar ghall-parte civili Mariella Borg iddikjaraw li l-appellant kien hallas l-alimenti mertu ta' dan l-appell fil-mori tal-istess appell u li ghalhekk Dr. Cutajar iddikjara li l-klienta tieghu ma kellhiex aktar interess li ikun hemm xi sanzjoni restrittiva tal-liberta' tal-appellant in vista ta' dan l-izvilupp.

Rat illi l-prosekutur irrimetta ruhu.

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat biss ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi dwar l-aggravju fuq il-piena, din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs.**

**David Vella**” [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn). F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi trattandosi ta' reat kontinwat fejn il-piena ghar-reati kontravvenzjonali tista' tizdied bi grad jew addirittura tnejn skond l-artikolu 18 tal-Kap.9. u ghalhekk zgur li l-piena inflitta ma hix wahda eccessiva fic-cirkostanzi.

B' dana kollu, peress li fl-udjenza tal-lum irrizulta li l-appellant hallas lill-martu l-ammont kollu mertu tal-imputazzjoni ghas-sodisfazzjon taghha, jidher li hu l-kaz li jkun hemm temperament fil-piena. Dan ghaliex kif kien gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali fil-kawza : **“Il-Pulizija vs. Publius Said”** [25.9.2003] gja fuq citata, l-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravvenzjoni fil-Kodici Krminali fil-1983 (bl-emenda tal-1986), kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex tippunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qrati, ordnijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kuntrattwali bejn il-konjugi. F' dan il-kaz dan l-ghan issa ntlahaq u ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena biex din minn wahda ta' prigunerija timbidel f' wahda pekunjarja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghal gimgha detenzjoni u fejn ordnat lill-appellant li jhallas is-somma ta' mija w hmistax il-lira Maltin (LM115) fi zmien gimgha ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u minnflok, wara li rat l-artikolu 338 (z) u 18 tal-Kodici Kriminali, tkkundanna lill-appellant ghal hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) ammenda , li jekk ma jithallsux minnufieh, jigu konveriti f' hamest (5) ijiem detenzjoni skond il-ligi. (art. 13 (2) tal-Kodici Kriminali).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------